# BEATI U QADDISIN....SETTEMBRU

Kuntrarju ghalli jahsbu hafna, San Wenceslaws ma kienx re izda duka – nisrani li tassew jixraqlu l-isem billi kien bniedem mimli imhabba, umilta', servizz lejn haddiehor u sagrificcju. Twieled lejn is sena 903 fil-Boemja.

Filwaqt li missieru kien nisrani, ommu kienet pagana u krudili.



Madankollu Wenceslaws kien imrobbi f'ghozza nisranija minn nanntu Santa Ludmilla li aktar tard mietet martri. Ghal kuntrarju huh iz-zghir kien imtella' fil-paganezmu minn ommu Dragomir.
Meta missieru Wratislaw miet, Dragomir hadet it-tmexxija ta' l-art li fuqha kien jahkem zewgha billi Wenceslaws kien ghadu zghir. Kellu biss 13 il-sena. Il-forzi li kienu kontra l-insara raw dan bhala opportunita' li johduha kontra s-segwaci ta' Kristu.

Waqt li Ludmilla baqghet issus wara l-edukazzjoni nisranija tan-neputi taghha Wenceslaws, Dragomir, ikkomplottat biex iggib lil binha taht il-kontroll taghha u toqtol lil Ludmilla billi tifgaha. Filwaqt li ommu kienet

thajru jabbanduna l-hajja religjuza, huwa kien jiehu sehem fil-quddies li kien jigi celebrat bil-mohbi.

Il-poplu ddejjaq bl-imgieba ta' Dragomir u tturufnaha u talab lil Wenceslaws bex jiehu t-tmexxija hu minkejja li kien ghadu zaghzugh. Wenceslaws kien bniedem ta' tjubija kbira u kien maghruf ghall-hajja qaddisa tieghu. Kien jinteressa ruhu fil-fqar u fil-hwejjeg religjuzi tal-poplu. Sahhah il-knejjes u gab aktar sacerdoti biex jiehdu kura ta' l-erwieh. Ma kienx jonqos li jghaddi hafna hin fit-talb u sehem attiv hafna fil-quddies.

Huwa hafer lil ommu u gabha mill-ezilju. Flok raddet hajr lil binha, hija incitat lil Boleslaw, huh, biex joqtlu. Hu ghamel dan fit-28 ta' Settembru tas-sena 935. Kien imqatta' bicciet u gismu midfun fejn kien maqtul. Tlett snin wara, huh nidem minn dnubu u ried li gisem Wencelsaws ikun traserit fil-knisja ta' San Vitu fi Praga.